

Brussell, 18 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14394/23

COSI 181
CRIMORG 139
ENFOPOL 433
CT 156
COTER 186
AVIATION 194
JAI 1334

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 659 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW dwar il-ġlieda kontra theddid potenzjali mid-droni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 659 final.

Mehmuż: COM(2023) 659 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.10.2023
COM(2023) 659 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

dwar il-ġlieda kontra theddid potenzjali mid-droni

I. INTRODUZZJONI

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi l-politika tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-theddid potenzjali minn sistemi tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (unmanned aircraft systems, UAS) li ma jikkooperawx, magħrufa komunement bħala “droni”. Hija parti minn pakkett usa’ kontra d-droni li jinkludi wkoll żewġ manwali, li jipprovdu gwida Prattika dwar aspetti tekniċi ewlenin ta’ din il-politika. Dan il-pakkett tħabbar bħala azzjoni ewlenija skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Strateġija 2.0 tad-Droni għal Ekosistema Intelliġenti u Sostenibbli tal-Inġenji tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord fl-Ewropa*¹. Din il-Komunikazzjoni twieġeb għall-ħtieġa li: (i) jiġi pprovdut qafas ta’ politika komprensiv u armonizzat; (ii) jinbena fehim komuni tal-proċeduri applikabbli biex jiġu ffaċċjati t-theddidiet li qed jevolvu kontinwament possibbilment mid-droni; u (iii) jitqiesu l-iżviluppi rapidi fit-teknoloġija.

A. Komplementar tal-qafas tal-UE dwar id-droni

L-użu leġittimu tad-droni huwa parti ewlenija mill-perkors lejn it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, kif stabbilit fl-“Istrateġija 2.0 tad-Droni” tal-UE. Dawn għandhom rwol importanti b’mod partikolari fl-oqsma tat-trasport, id-difiża, il-kummerċ u s-servizzi. L-għadd ta’ droni li jintużaw fl-UE huwa mistenni li jikber b’mod sinifikanti fis-snin li ġejjin, u se jitjiebu ħafna f’termini ta’ veloċità, aġilità, firxa massima, kapaċitajiet ta’ tagħbija utli, preċiżjoni tas-sensuri, u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali. Dawn l-iżviluppi se jwasslu għal firxa usa’ ta’ użi leġittimi u legali għad-droni. Madankollu, sabiex jintlaħaq dan il-potenzjal, huwa meħtieġ li tiġi indirizzata t-theddida potenzjali li tista’ tkun ġejja minn droni li ma jikkooperawx. Dron li ma jikkooperax għandu jiġi definit skont in-natura tan-nuqqas ta’ kooperazzjoni li tista’ tinkludi natura kriminali, illegali (ksur regolatorju intenzjonat) jew amatorjali (inorant, traskurat).

Din il-Komunikazzjoni tindirizza t-theddid ikkawżat mid-droni li huma mfassla għall-użu ċivili, u tftitex li tindirizza t-theddid minn dawn id-droni f’ambjent ċivili. Għalkemm id-droni mfassla għal skopijiet ta’ difiża mhumiex il-punt fokali ta’ din il-Komunikazzjoni, għad hemm diversi interkonnessjonijiet mad-dominju tad-difiża. Dawn il-konnessjonijiet jinkludu l-użu potenzjali ta’ droni iżgħar imfassla għal skopijiet ta’ difiża minn kriminali jew terroristi, kif ukoll is-sinerġiji bejn it-teknoloġiji għall-ġlieda kontra d-droni. Id-droni mfassla għal skopijiet ta’ difiża jistgħu jokkupaw l-istess spazju tal-ajru bħad-droni ċivili, u f’dawn il-każijiet jeħtieġ li jkunu identifikabbli mill-awtoritajiet kompetenti għall-għarfien tas-sitwazzjoni.

Il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din il-Komunikazzjoni huwa speċifikament dwar il-*ġlieda kontra* t-theddid potenzjali kkawżat mid-droni. Għaldaqstant ma għandhiex l-għan li tkopri d-dimensjoni usa’ tar-rwol tad-droni fil-qasam tas-sigurtà interna, jiġifieri l-użu tagħhom għall-infurzar tal-liġi, is-sigurtà pubblika, jew is-sikurezza pubblika.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri huma primarjament responsabbli għall-ġlieda kontra t-theddid ikkawżat mid-droni li ma jikkooperawx. Madankollu, l-Istati Membri jibbenefikaw ukoll minn azzjoni fil-livell tal-UE, li tippermetti kooperazzjoni u koordinazzjoni aktar mill-qrib fil-mezzi u l-għodod differenti użati għal dak l-għan. Għaldaqstant, din il-Komunikazzjoni tippromwovi diversi azzjonijiet relatati mal-bini tal-komunità u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Qed tappoġġa wkoll lill-Istati Membri bi gwida, taħriġ, finanzjament u proċeduri operazzjonali.

¹ *Strateġija 2.0 tad-Droni għal Ekosistema Intelliġenti u Sostenibbli tal-Inġenji tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord fl-Ewropa*, COM (2022) 652 final tad-29 ta’ Novembru 2022.

Inċidenti potenzjalment perikolużi li jinvolvu d-droni saru aktar frekwenti – kemm fl-UE kif ukoll lil hinn mill-fruntieri tagħha. Għaldaqstant huwa importanti li tiġi ffaċilitata l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet fiżiċi jew diġitali kontra d-droni mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u awtoritajiet pubbliċi oħra fl-UE u mill-operaturi ta' infrastruttura kritika. It-tfassil ta' politika tal-UE kontra d-droni se jgħin biex jissaħħu l-proċeduri għall-ittestjar tal-effiċjenza tas-soluzzjonijiet għodda disponibbli, u biex jiġi ffaċilitat l-użu mmirat tar-riċerka u l-innovazzjoni f'dak il-qasam. Bit-tfassil ta' din il-politika kontra d-droni, il-Kummissjoni qed tgħin biex jissaħħa suq tal-UE għal soluzzjonijiet kontra d-droni. Dan se jwitti t-triq għal aktar awtonomija strateġika u sovranità teknoloġika għall-UE, inkluż f'oqsma ta' teknoloġiji kritiċi. Dan se jrawwem il-kapaċitajiet Ewropej biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet mill-aktar avvanzati fl-oqsma tad-difiża, tal-ajruspazju, u tas-sigurtà ċivili u titnaqqas id-dipendenza fuq fornituri mhux Ewropej. Dan se jibni fuq l-eżiti tal-valutazzjoni tad-dipendenzi teknoloġiċi kritiċi² u se jipprovdi aktar *data* u analiżi. Barra minn hekk: (i) jinforma lill-Kummissjoni biex tifhem l-użu ta' teknoloġiji kritiċi u dipendenzi fuq fornituri mhux Ewropej; u (ii) jipprovdi ħarsa ġenerali soda lejn il-livell ta' dipendenza.

Barra minn hekk, bl-għan li jiġi miġġieled it-theddid mid-droni li ma jikkooperawx mill-perspettiva ta' awtorità pubblika, huwa importanti wkoll li: (i) ikun hemm oqfsa u proċeduri ċari u armonizzati fis-seħħ; (ii) tingħata awtorità ċara biex il-partijiet interessati pubbliċi u privati responsabbli jintervjenu kontra d-droni li ma jikkooperawx; u (iii) tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati li mhux dejjem ikunu mdrorrijin jaħdmu flimkien (l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili, l-operaturi, il-manifatturi, l-operaturi tan-networks mobbli). Din il-Komunikazzjoni tressaq azzjonijiet biex: (i) jinbena fehim komuni tal-proċeduri applikabbli meta jiġu indirizzati theddidiet mid-droni; u (ii) jiġu identifikati l-ħtiġijiet possibbli f'termini ta' armonizzazzjoni tal-miżuri regolatorji

B. Nindirizzaw theddida attwali – u li qed tevolvi b'rata mgħaġġla

Kemm l-istrateġija tal-“Unjoni tas-Sigurtà”³ kif ukoll l-Aġenda Kontra t-Terroriżmu⁴ tal-UE jenfasizzaw li t-theddida tad-droni li ma jikkooperawx hija ta' tħassib serju fl-Ewropa.

Il-kapaċitajiet tad-droni li javvanzaw b'mod rapidu joħlqu riskju għas-sigurtà li qiegħed jikber. F'dawn l-aħħar snin, ġew skoperti pjanijiet biex jipprova jsir użu mid-droni għal attakki terroristiċi⁵. Intlemlu wkoll droni suspettużi madwar infrastruttura kritika, bħal faċilitajiet tal-enerġija, ajruporti, u portijiet, u dan jindika l-użu ħażin potenzjali tad-droni għall-ġbir ta' informazzjoni ostili. Id-droni jintużaw minn kriminali involuti fil-kuntrabandu bejn il-fruntieri, jew biex jiffaċilitaw operazzjonijiet illeċiti oħra, inkluż it-traffikar tad-droga. Barra minn hekk, id-droni jistgħu jkunu sors ta' riskji ċibernetiċi, pereżempju jekk jintużaw għar-rikonjizzjoni diġitali. It-theddid mid-droni mhuwix sempliċement problema teknika. Illum, ħafna mid-droni mfassla għal skopijiet ċivili jistgħu jiġu identifikati, iżda għadu problematiku ħafna li jiġi indirizzat theddid mingħandhom jew li jiġu newtralizzati (jiġifieri li jittieħed kontroll tagħhom, li jitniżżlu b'mod sigur, jew li jiġu sparati), ħafna drabi minħabba n-nuqqas ta' awtorizzazzjoni legali biex dan isir. Dan huwa partikolarment minnu għall-operaturi privati ta' infrastruttura kritika. Għaldaqstant, jenħtieġ li

² Valutazzjoni profonda interna tal-Kummissjoni dwar is-sistemi awtonomi mwettqa fl-2022.

³ L-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM(2020) 605 final tal-24 ta' Lulju 2020.

⁴ Aġenda Kontra t-Terroriżmu għall-UE: Antiċipazzjoni, Prevenzjoni, Protezzjoni, Rispons, COM(2020) 795 final, 9 ta' Diċembru 2020.

⁵ Fost l-eżempji nsibu: (i) il-pjan ta' ġiħadista ispirat li ġie kkundannat minn qorti Spanjola f'Ottubru 2022 talli ppjana li jattakka stadium waqt loġħa futbol maġġuri bl-użu ta' dron ippakkjat bi splussivi; u (ii) ċittadin Belġjan, ikkundannat għal attentat ta' attakk bil-bombi bl-użu ta' droni kontra ħabs.

titqies il-ġlieda kontra t-theddid mid-droni fil-valutazzjonijiet tar-riskju futuri skont id-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi⁶.

L-istampa tat-theddid issir saħansitra aktar ċara meta wieħed iħares lejn inċidenti f'pajjiżi qrib l-UE u f'partijiet oħra tad-dinja. Id-droni wrew li huma pjattaforma b'użu doppju kosteffiċjenti u effettiva u taw spinta lill-innovazzjoni tad-difiża fil-gwerra Russa kontra l-Ukrajna. L-użu ta' droni mfaßslla għal finijiet ċivili għal attakki distruttivi anki f'kunflitti armati oħra (bħal fil-Jemen jew fis-Sirja) huwa fenomenu aktarx li jkollu implikazzjonijiet diretti għas-sigurtà interna tal-UE. Il-*modus operandi* ta' gruppi terroristiċi u l-ħiliet imtejba fl-użu ta' "droni kummerċjalment disponibbli" jistgħu jilhqgħu l-fruntieri tagħna u jkunu ta' theddida. L-istess jgħodd għall-użu ta' droni għal attentati ta' qtil immirat⁷.

Madankollu, is-soluzzjonijiet kontra d-droni mħumiex meħtieġa biss kontra l-użu malizzjuż immirat. Huma meħtieġa wkoll biex jiġu evitati inċidenti kkawżati minn negliġenza jew traskuraġni. Il-biċċa l-kbira tal-utenti tad-droni fl-UE (b'mod partikolari bdoti professjonali mill-bogħod liċenzjati jew bdoti għal titjir rikreattiv organizzat) jikkonformaw mar-regoli, mar-regolamenti u mal-limitazzjonijiet tekniċi eżistenti. Madankollu, l-utenti tad-droni injoranti, traskurati u kriminali huma responsabbli għall-ħafna inċidenti perikolużi li jinvolvu d-droni madwar l-UE. Avvenimenti pubbliċi fuq skala kbira huma partikolarment vulnerabbli għal disturbi bħal dawn, bħalma huma xi setturi kritiċi bħat-trasport bl-ajru. Barra minn hekk, l-użu illegali tad-droni jista' jaffettwa wkoll is-sikurezza personali u d-dritt għall-privatezza ta' membri individwali tal-pubbliku, b'mod partikolari meta d-droni jiġu operati f'żoni residenzjali.

C. Inżommu r-ritmu mal-iżviluppi teknoloġiċi

Il-protezzjoni tas-soċjetajiet tagħna kontra droni malizzjużi u li ma jikkooperawx teħtieġ aċċess għal kontromiżuri affordabbli u affidabbli li jippermettu soluzzjonijiet flessibbli. Is-soluzzjonijiet normalment jindirizzaw it-tliet aspetti ta' identifikazzjoni, it-traċċar u l-identifikazzjoni, filwaqt li l-awtoritajiet pubbliċi huma interessati wkoll f'żewġ aspetti addizzjonali: in-newtralizzazzjoni u l-forensika.

Kemm fil-qasam tad-difiża kif ukoll f'dak tas-sigurtà ċivili, diġà qed jiġu żviluppati u ttestjati soluzzjonijiet innovattivi kontra d-droni. Id-dħul tagħhom fis-suq u l-adozzjoni tagħhom mill-utenti finali jistgħu jiġu ffaċilitati minn qafas ġenerali tal-UE dwar il-ġlieda kontra d-droni, kif inhu promoss f'din il-Komunikazzjoni. Madankollu, mħuwiex possibbli li jkun hemm approċċ standardizzat "wieħed tajjeb għal kulħadd" għall-implimentazzjoni ta' miżuri kontra d-droni minħabba l-varjetà kbira ta' xenarji u ambjenti operazzjonali possibbli.

Għaldaqstant, il-miżuri kontra d-droni jridu jiġu adattati għal ħtiġijiet differenti u ambjenti operattivi differenti. Mill-perspettiva tal-awtoritajiet inkarigati mis-sigurtà interna, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn il-qerda fiżika sħiħa ta' dron tkun l-għażla ppreferuta u l-unika għażla, pereżempju biex jiġi evitat attakk imminenti fuq in-nies jew l-infrastruttura. F'każijiet oħra, bħall-użu kriminali jew il-ġbir ostili ta' informazzjoni, hemm interess qawwi fl-iżgurar tal-kontroll tad-dron biex jitniżżel filwaqt li jitħalla kemm jista' jkun intatt, sabiex tkun tista' ssir investigazzjoni forensika ottima. Dan jinkludi l-ħtieġa għal soluzzjonijiet ċibernetiċi sofistikati biex jittieħed kontroll tas-sistema operattiva ta' dron.

Waħda mix-xejriet teknoloġiċi li jenħtieġ li jsir monitoraġġ tagħha u tintuża b'mod attiv hija l-iżvilupp ta' sensuri għad-detezzjoni aktar preċiża tad-droni. Il-kapaċitajiet tas-sensuri eżistenti jistgħu jiġu żviluppati

⁶ Id-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi (UE) 2022/2557 tal-14 ta' Diċembru 2022 (ĠU 2022, L 333, p. 164).

⁷ Eżempji jinkludu attentat li ma rnexxiex għall-qtil tal-President tal-Venezwela, u kartelli tad-droga Messikani li jużaw droni kontra rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet kriminali oħra.

aktar mhux biss biex jiġi identifikat dron, iżda anki biex tiġi vvalutata t-theddida li dan joħloq mill-analiżi tax-xejriet tat-titjir, mid-detezzjoni tat-tagħbija utli, u mid-detezzjoni tat-tagħmir. Is-sensuri u s-sistemi ta' detezzjoni jridu jkunu kapaċi jlaħħqu mal-forom u mal-kapaċitajiet li qed jinbidlu tad-droni (il-veloċità, l-aġilità, il-kapaċità li jintużaw distrazzjonijiet, eċċ.). Il-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-operaturi privati tal-infrastruttura kritika li janalizzaw id-*data* minn dawk is-sensuri se tkun dejjem aktar importanti. L-intelliġenza artifiċjali se jkollha rwol ukoll, pereżempju billi tiġġenera awtomatikament twissijiet, tikkalkula r-riskji, tbassar ir-rotot, jew tipprevedi siti ta' nżul. B'hekk, irid isir monitoraġġ kontinwu tax-xejriet ġodda fis-swieq tad-droni u jiġu inkorporati f'soluzzjonijiet kontra d-droni. Jenħtieġ li dawn l-iżviluppi teknoloġiċi jippermettu li l-awtoritajiet fl-UE jidentifikaw il-prijoritajiet għall-investiment u jappoġġaw l-iżviluppi li huma l-aktar adatti biex jissodisfaw il-ħtiġijiet operazzjonali espressi mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-operaturi privati.

Rigward l-indirizzar ta' theddid mingħandhom u n-newtralizzazzjoni tagħhom, jenħtieġ aktar ittestjar fuq teknoloġiji li huma xierqa f'ambjenti u xenarji differenti. Fil-qasam tad-difiża, ġew identifikati soluzzjonijiet biex jinqered fiżikament jew jinqabad kompletament dron waqt li jkun fl-arja, u b'hekk titnaqqas il-ġenerazzjoni ta' residwi li jistgħu jwasslu għal korrimenti lin-nies jew ħsara lill-oġġetti. Dan jinkludi l-enerġija diretta fil-forma ta' lasers b'enerġija għolja, kif ukoll l-użu ta' sistemi b'potenza għolja ta' frekwenzi tar-radju u ta' qbid nett kif ukoll għodod diġitali biex jinkiseb kontroll fuq droni li ma jikkoooperawx.

Għall-infurzar tal-liġi u l-investigazzjoni, ikun partikolarment utli li wieħed ikun jista' jinnewtralizza theddida ta' dron billi jieħu kontroll tas-sistema ta' kontroll tiegħu u jniżżlu b'mod sikur, filwaqt li l-awtoritajiet u l-investigaturi jingħataw l-aħjar aċċess possibbli għal evidenza fiżika u diġitali potenzjali. Għaldaqstant, jenħtieġ li tkun disponibbli u vvalidata firxa wiesgħa ta' soluzzjonijiet differenti għal skopijiet differenti biex iservu d-dominju tas-sigurtà interna. Għaldaqstant huwa meħtieġ li jitrawwem suq ġenwin u ambjent ta' innovazzjoni għal soluzzjonijiet kontra d-droni li jaqdu l-ħtiġijiet tad-dominju tas-sigurtà ċivili. Inkella, l-iżviluppi fis-soluzzjonijiet kontra d-droni x'aktarx li ma jlaħħqux maż-żieda fl-għadd u l-kapaċitajiet tad-droni nfushom. Huwa essenzjali wkoll li dan is-suq jiġi strutturat u mqassam biex jgħin lill-awtoritajiet rilevanti jidentifikaw is-soluzzjonijiet li jissodisfaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tagħhom.

Barra minn hekk, huwa importanti li jsir monitoraġġ tal-hekk imsejħa sistemi kontra s-sistemi kontra d-droni użati mill-kriminali. Is-sistemi kontra s-sistemi kontra d-droni huma apparat li jinġarr mid-dron jew jintuża mill-art u huwa mfassal biex jostakola miżuri speċifiċi kontra d-droni.


Fl-aħħar nett, ħafna sistemi kontra d-droni huma żviluppatti wkoll għal skopijiet ta' difiża. Għalkemm dawn huma differenti fir-rekwiżiti tagħhom, ta' spiss jikkondividu karatteristiki u teknoloġiji komuni ma' sistemi maħsuba għal skop ċivili, u dan iwassal għal ħtieġa ta' kooperazzjoni mill-qrib mad-dominju tad-difiża.

Dan ix-xenarju teknoloġiku li qed jevolvi jeħtieġ ukoll qafas regolatorju konsistenti u aġġornat kontinwament għall-użu ta' sistemi kontra d-droni.

II. FORMULAZZJONI TA' POLITIKA TAL-UE KONTRA D-DRONI

Il-Kummissjoni ħadmet mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati oħra fuq it-theddida potenzjali mid-droni sa mill-2016, meta saret l-ewwel sessjoni ta' ħidma tal-UE kontra d-droni. Minn dak iż-żmien 'l hawn, ġiet introdotta firxa wiesgħa ta' inizjattivi biex jiffaċilitaw il-bini tal-komunità, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, l-iżvilupp tal-aħjar prattiki, u l-finanzjament iddedikat tal-proġetti. Bħala riżultat tad-diskussjonijiet mal-esperti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa dawn l-inizjattivi li

għaddejjin bħalissa filwaqt li tkompli tiżviluppa u tintegra linji ġodda ta' ħidma biex titfassal politika sħiħa tal-UE kontra d-droni. Din il-ħidma se tikkonsisti fis-sitt attivitajiet ewlenin li ġejjin:



A. Bini tal-komunità u kondiviżjoni tal-informazzjoni

Issa hemm firxa wiesgħa ta' networks u atturi differenti li qed jaħdmu fil-livell tal-UE fuq soluzzjonijiet kontra d-droni. Għaldaqstant hemm bżonn li l-attivitajiet futuri tagħhom jiġu ssimplifikati u ggwidati f'termini politiċi, tekniċi u operazzjonali biex: (i) jinbnew komunitajiet ta' partijiet ikkonċernati li jiffunzjonaw; (ii) jiġu żgurati l-kondiviżjoni effettiva tal-informazzjoni u tal-aħjar prattiki; u (iii) tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol.

Il-Kummissjoni se trawwem inizjattivi eżistenti fil-livell tekniku filwaqt li tistabilixxi **grupp ta' esperti kontra d-droni tal-Kummissjoni** biex jipprovdi pariri fil-livell tal-politika. Dan il-grupp ta' esperti se jkun jista' jipprovdi kontribut strateġiku għal diversi politiki fil-livell tal-UE b'rilevanza għall-attivitajiet kontra d-droni, bħal fl-oqsma tas-sigurtà interna, il-ġestjoni tal-fruntieri, jew ir-reżiljenza ta' infrastruttura kritika. Għal dan l-għan, il-grupp ta' esperti se jikkoopera ma' gruppi ta' esperti oħra u, fejn xieraq, ma' gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill.

Regolarment isiru sessjonijiet ta' ħidma u laqgħat tal-esperti dwar soluzzjonijiet u politiki kontra d-droni. Dawn ilaqgħu flimkien lil dawk li jfasslu l-politika, lill-esperti tekniċi, u lir-riċerkaturi mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri, minn istituzzjonijiet oħra tal-UE, minn aġenziji tal-UE, minn proġetti ffinanzjati mill-UE, minn organizzazzjonijiet internazzjonali, u minn pajjiżi sħab. Dawn l-attivitajiet wasslu għall-involvement kontinwu tal-partijiet ikkonċernati kollha, u ffaċilitaw b'mod sinifikanti l-kooperazzjoni operazzjonali u prattika tagħhom. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni waqqfet **il-Hub ta' Informazzjoni Kontra s-Sistema tal-Ajru mingħajr Bdot Abbord**⁸ li bħalissa għandu aktar minn 300 membru. Din il-pjattaforma online tiġi aġġornata regolarment u tospita sorsi differenti ta' informazzjoni, bħal eżiti minn proġetti rilevanti ffinanzjati mill-UE, preżentazzjonijiet, rapporti, u bullettin semiannwali.

Parti importanti oħra tal-bini tal-komunità u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, b'mod partikolari għall-ħtiġijiet operazzjonali tal-infurzar tal-liġi, isseħħ bħala parti min-**Networks Ewropej ta' Awtoritajiet tal-Infurzar Pubbliku tal-Liġi** ffinanzjati mill-UE. Pereżempju, in-networks li ġejjin kollha bdew l-attivitajiet tagħhom stess biex jiġġieldu t-theddud ikkawżat mid-droni: in-Network Ewropew għas-Servizzi Teknoloġiċi tal-Infurzar tal-Liġi (ENLETS); in-Network tal-UE għall-Unitajiet tal-Pulizija u tal-Gwardja tal-Fruntiera fl-ajruporti (AIRPOL); in-Network tal-UE ta' Unitajiet ta' Intervent Speċjali (ATLAS); u n-Network ta' Sigurtà ta' Riskju Għoli tal-UE. Il-Grupp ta' Ħidma tan-Network għall-Infurzar tal-Liġi li għadu kif inħoloq, li huwa inizjattiva tad-DG HOME li għandha l-għan li trawwem il-kooperazzjoni fost in-networks tal-pulizija u li hija ffinanzjata mill-Kummissjoni⁹, se jissimplifika l-linji ta' ħidma li għaddejjin fil-qasam ta' kontra d-droni f'sottogrupp ta' ħidma ddedikat.

L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (**European Aviation Safety Agency, EASA**) fasslet linji gwida mhux vinkolanti li jgħinu lill-awtoritajiet u lill-ajruporti jħejju għal inċidenti tad-droni, jirrispondu għalihom u jirkupraw minnhom¹⁰. Sabiex jiġu promossi attivitajiet ta' appoġġ infurmati u tfassil tal-politika fil-livell tal-UE, huwa essenzjali li jkun hemm skambji affidabbli u dettaljati ta' informazzjoni dwar inċidenti li jinvolvu droni fl-UE lil hinn mill-iskambji li diġà qed iseħħu f'oqsma kritiċi speċifiċi bħall-ajruporti. Filwaqt li tiġi rispettata bis-sħiħ il-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet, hemm potenzjal

⁸ Permezz tal-użu tal-pjattaforma CIRCABC tal-UE li hija appoġġata mill-[programm ISA](#)² tal-Kummissjoni Ewropea, li tippromwovi soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.

⁹ Il-Grupp ta' Ħidma (informali) tan-Network tal-Infurzar tal-Liġi (Law Enforcement Network Working Group, LENWG) huwa ppresedut mill-Kummissjoni, u ltaqa' għall-ewwel darba fl-20 ta' Marzu 2023 biex irawwem kooperazzjoni aħjar bejn in-networks iffinanzjati mid-DG HOME. Wara perjodu ta' evalwazzjoni ta' tna-x-il xahar, il-LENWG jista' jinbidel fi Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni xieraq.

¹⁰ F'Marzu 2021, l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) ippubblikat sett ta' linji gwida għall-ġestjoni tal-inċidenti tad-droni fl-ajruporti: [Drone Incident Management at Aerodromes](#).

sinifikanti biex tittfejeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar: (i) il-metodi użati mill-operaturi ta' droni li ma jikkooperawx; (ii) xejriet speċifiċi ta' theddid; u (iii) ir-riskji potenzjali identifikati. Biex tiffaċilita u tarmonizza l-kondiviżjoni ta' tali informazzjoni dwar inċidenti, il-Kummissjoni qassmet mudell għar-rapportar dwar inċidenti bid-droni mal-Istati Membri. Biex tkompli żżid il-kwalità u l-frekwenza tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltà li tistabbilixxi **pjattaforma diġitali li jkun fiha informazzjoni dwar inċidenti tad-droni**, li tintuża mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti. Dan jista' jsewvi biex jiġu identifikati u jinġabru b' mod xieraq inċidenti kbar ta' sigurtà li jinvolvu d-droni fl-UE. Dan jista' jinkludi wkoll id-dimensjoni ċibernetika peress li d-droni jintużaw mhux biss għar-rikonjizzjoni viżwali, iżda anki għar-rikonjizzjoni diġitali. Din il-pjattaforma tkun konsistenti mal-obbligi ta' rapportar eżistenti skont ir-Regolament (UE) Nru 376/2014¹¹ u ma tidduplikax l-isforzi eżistenti.

Il-Kummissjoni se torganizza wkoll laqgħat klassifikati regolari biex tippromwovi l-iskambju ta' tagħlimiet meħuda minn inċidenti f' format xieraq.

Azzjonijiet ewlenin għall-bini tal-komunità u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni

- **Il-Kummissjoni se twaqqaf grupp ta' esperti, li jikkonsisti minn esperti tal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra dwar attivitajiet kontra d-droni.**
- **Il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltà li tiżviluppa pjattaforma diġitali li jkun fiha informazzjoni dwar inċidenti tad-droni.**
- **Il-Kummissjoni se torganizza laqgħat regolari biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata bejn l-Istati Membri dwar inċidenti ta' sigurtà kbar li jinvolvu l-użu ta' droni.**

B. Ittestjar ta' sistemi kontra d-droni: identifikazzjoni u ttestjar ta' soluzzjonijiet

L-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali jistgħu jagħżlu minn firxa wiesgħa ta' soluzzjonijiet kummerċjali ċibernetiċi u mhux ċibernetiċi kontra d-droni li huma disponibbli fis-suq. Din l-għażla hija problematika, speċjalment għall-entitajiet lokali li ma għandhomx biżżejjed kapaċitajiet tekniċi. Il-Kummissjoni se tgħin lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jagħmlu l-għażla t-tajba għall-ħtiġijiet operazzjonali tagħhom billi tipprovdi pariri u gwida permezz tal-grupp ta' esperti ddedikat kontra d-droni u l-ħidma taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (Joint Research Centre, JRC) tal-Kummissjoni.

Fl-2019 tnedew attivitajiet fil-livell tal-UE biex jiġu ttestjati sistemi kontra d-droni. Dawn għandhom l-għan li jiżviluppaw metodoloġija komuni għall-evalwazzjoni tas-sistemi li jistgħu jintużaw mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u minn awtoritajiet pubbliċi oħra biex jidentifikaw, jittraċċaw u jidentifikaw droni potenzjalment malizzjużi. Pilastru ċentrali ta' dawn l-attivitajiet huwa l-proġett "Courageous"¹² (2021-2024), li huwa ffinanzjat mill-Fond għas-Sigurtà Interna - Pulizija (ISF-Pulizija) tal-UE. Courageous huma mmexxi mill-Akkademja Militari Rjali Belġjana u ngħatat il-kompitu li: (i) tidentifika xenarji standard rilevanti għall-ittestjar ta' sistemi kontra d-droni; (ii) tiżviluppa rekwiżiti funzjonali u ta' prestazzjoni; u (iii) tiżviluppa metodoloġija ta' ttestjar. Il-proġett qed jittestja wkoll il-prestazzjoni tas-sensuri u tas-sistemi integrati. L-eżiti mill-proġett huma kondiviżi kontinwament mal-Istati Membri kif ukoll ma' pajjiżi sħab magħżula u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Wara t-tlestija tal-proġett, il-Kummissjoni u l-

¹¹ Ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rapportar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE).

¹² <https://courageous-isf.eu/>.

konsorzju ta' Courageous se jippreżentaw opzjonijiet lill-Istati Membri biex jiżguraw is-sostenibbiltà tal-proġett u jirrakkomandaw **metodoloġija għall-faċilitajiet tal-ittejtjar kontra d-droni** fl-Istati Membri.

L-iżviluppi teknoloġiċi ta' rilevanza għas-sistemi kontra d-droni qed jevolvu b' mod rapidu. Għaldaqstant, l-attivitajiet tal-ittejtjar iridu jiġu kkomplementati minn xejriet ta' monitoraġġ kostanti biex jiġu identifikati kemm l-aktar soluzzjonijiet promettenti kif ukoll kwalunkwe sfida ġdida potenzjali għall-iżvilupp ta' sistemi kontra d-droni. Il-JRC bena l-kapaċità biex iwettaq dan il-monitoraġġ u biex jidentifika dawn l-isfidi l-ġodda. Dan huwa ta' benefiċċju għall-Istati Membri u jipprovdi kontribut siewi għal inizzjattivi ta' ttejtjar fil-livell tal-UE. L-informazzjoni se tiġi kondiviża permezz ta' mezzi xierqa, b' mod partikolari l-grupp ta' esperti.

L-istandardizzazzjoni hija strument wieħed għall-armonizzazzjoni tas-soluzzjonijiet teknoloġiċi. Il-proġett Courageous fassal parir speċifiku dwar l-istandardizzazzjoni minn qabel, li abbażi tiegħu l-fattibbiltà tat-tneidja ta' proċessi ta' standardizzazzjoni u l-ħtieġa għaliha jistgħu jiġu vvalutati ulterjorment. Fil-livell tal-UE, sar progress tajjeb bl-iżvilupp ta' rekwiżiti volontarji tal-prestazzjoni għat-tagħmir ta' detezzjoni barra mill-avjazzjoni (eż. għall-magni tar-raġġi X u għad-detetturi tal-metall¹³). Flimkien ma' esperti mill-Istati Membri u mill-industrija, il-Kummissjoni issa se tiżviluppa wkoll **rekwiżiti ta' prestazzjoni volontarji** għal sistemi kontra d-droni, fejn rilevanti f'koerenza mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà¹⁴. Jenħtieġ li t-twaqqif ta' proċess ta' ċertifikazzjoni għal sistemi kontra d-droni jibqa' objettiv ta' nofs it-terminu. Fejn xieraq, se jiġu kkunsidrati wkoll standards ibridi ta' difiża ċivili.

L-istandardizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tas-sistemi kontra d-droni, speċjalment jekk jiġu pprovduti minn fornituri minn pajjiżi mhux tal-UE, huma element ewlieni ieħor. F'dan l-istadju, għad hemm inċertezza dwar kemm hija protetta sew id-*data* li tinġabar minn ċerti sistemi ta' detezzjoni. Barra minn hekk, huwa importanti li kemm jista' jkun jiġu evitati l-hacking u l-użu ħażin tas-sistemi kontra d-droni billi tiġi żgurata r-reżiljenza ċibernetika tal-komponenti tagħhom.

F'Settembru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal regolament dwar ir-reżiljenza ċibernetika¹⁵, bl-għan li jitfasslu regoli ġenerali dwar iċ-ċibersigurtà għal prodotti b'komponenti diġitali – kemm hardware kif ukoll software – li jaċċessaw is-suq uniku. Ir-Regolament propost il-ġdid għandu l-għan li jintroduċi rekwiżiti obligatorji taċ-ċibersigurtà għal dawn il-prodotti. Dawn ir-rekwiżiti se jinkludu ċ-ċibersigurtà mit-tfassil u b' mod awtomatiku, kif ukoll rekwiżiti biex tiġi indirizzata l-vulnerabbiltà. Kif propost mill-Kummissjoni, is-sistemi tad-droni li mhumiex żviluppanti esklużivament għal finijiet ta' sigurtà nazzjonali jew militari u li mhumiex diġà ċertifikati f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 ikunu koperti bħala prodotti b'elementi diġitali minn dawn ir-regoli l-ġodda, bl-eċċezzjoni ta' dawk żviluppanti esklużivament għal finijiet ta' sigurtà jew ta' difiża nazzjonali.

Azzjonijiet ewlenin għall-ittejtjar ta' sistemi kontra d-droni

- **Il-Kummissjoni se taħdem fuq l-implimentazzjoni ta' metodoloġija ta' ttejtjar armonizzata għal sistemi kontra d-droni bbażata fuq l-eżiti tal-proġett Courageous.**
- **Il-JRC se jiġbor rapport annwali dwar l-iżviluppi tekniċi fit-teknoloġija kontra d-droni.**

¹³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni volontarji għat-tagħmir tar-raġġi X użat fl-ispazji pubbliċi, C(2022) 4179 final

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni

¹⁵ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020, COM(2022) 454 final.

- **Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-gruppi ta' esperti rilevanti, bħan-Networks tal-Infurzar tal-Liġi ENLETS, HRSN, AIRPOL, se tiżviluppa sett ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni volontarji għas-sistemi kontra d-droni.**

C. Gwida Prattika u sostenn operazzjonali

L-indirizzar tat-theddid minn droni li ma jikkooperawx diġà ġie identifikat bħala prijorità f'għadd ta' pubblikazzjonijiet mill-JRC, bħal fil-linji gwida li jiffukaw fuq il-bini tal-protezzjoni tal-perimetru¹⁶ u fl-istudju ddedikat dwar il-kargi splussivi ttrasportati bid-droni¹⁷. Barra minn hekk, il-pubblikazzjoni riċenti¹⁸ dwar il-kunċett ta' sigurtà mit-tfassil tenfasizza l-importanza li jiġu integrati miżuri protettivi proporzjonati, xierqa u multifunzjonali f'approċċ maħsub sew mill-bidu nett tal-fażi tal-ippjanar u tat-tfassil ta' proġett, inklużi miżuri biex jiġi miġġieled kwalunkwe attakk li jagħmel użu minn droni.

Barra minn hekk, il-manwal tal-EASA *Drone Incident Management at Aerodromes* jipprovdi gwida dwar kif għandhom jiġu żviluppati arranġamenti u proċeduri xierqa li jappoġġaw sistema ta' rispons għall-inċidenti fl-ajruporti li tkun rapida, effettiva u proporzjonata. B'dan il-mod, is-sospensjonijiet tat-traffiku tal-ajru, jew l-għeluq tal-ispazju tal-ajru jew tar-runways, jistgħu jiġu evitati jew jinżammu f'livell minimu u l-għeluq tal-ajruport jibqa' l-aħħar għażla. Il-ħidma tal-EASA tqis il-gwida tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni¹⁹.

Żewġ manwali ġodda ġew żviluppati mill-JRC:

- *Protection against Unmanned Aircraft Systems: Handbook on UAS protection of Critical Infrastructure and Public Space - A five Phase approach for C-UAS stakeholders*
- *Protection against Unmanned Aircraft Systems: Handbook on UAS Risk Assessment and Principles for Physical Hardening of Buildings and Sites.*

Fil-qasam tat-taħriġ, il-proġett DroneWISE²⁰ ffinanzjat mill-UE ħoloq pakkett ta' strateġiji ta' kmand, kontroll u koordinazzjoni kontra d-droni għall-persuni tal-ewwel rispons. Il-proġett iproduċa wkoll 10 moduli ta' taħriġ, manwal, u portal ta' taħriġ online. Dawn il-moduli ta' taħriġ ġew integrati fil-kurrikulu tas-CEPOL, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi. Proġett ieħor tal-FSI li kien iddedikat għat-taħriġ kontra d-droni kien il-proġett Skyfall. Hemm bżonn li t-taħriġ disponibbli jiġi estiż aktar għall-fornituri tas-sigurtà privati, speċifikament dawk responsabbli għall-protezzjoni tal-infrastruttura kritika.

¹⁶ Karlos, V. u Larcher, M., Guideline — Building Perimeter Protection, EUR 30346 EN, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2020.

¹⁷ It-theddida tas-sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord li jużaw splussivi ġiet investigata mill-JRC fi: Larcher M, Karlos V, Valsamos G, Solomos G: Scenario study: drones carrying explosives, JRC107683, 2018

¹⁸ Il-Kummissjoni Ewropea, Security by Design: Protection of public spaces from terrorist attacks, JRC131172, 2022.

¹⁹ L-[Aviation Security Manual](#) (Doc 8973 – Restricted) tal-ICAO jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Anness 17 tal-Konvenzjoni ta' Chicago billi jipprovdi gwida dwar kif għandhom jiġu applikati l-istandards u l-prattiki rakkomandati tagħha (standards and recommended practices, SARPs).

²⁰ <https://dronewise-project.eu/>

Il-programm **EU protective security advisers (EU PSA)**²¹ tal-Kummissjoni għandu taqsima ddedikata għall-attivitajiet kontra d-droni, li toffri: (i) valutazzjoni tal-vulnerabbiltà speċifika għal faċilitajiet u infrastruttura b'riskju għoli; (ii) pariri prattiċi dwar kif wieħed ilaħħaq mat-theddida tad-droni; u (iii) pariri prattiċi dwar kif wieħed ilaħħaq mal-użu ta' tagħmir għad-detezzjoni tad-droni matul avvenimenti ta' riskju għoli. Il-Kummissjoni se tesplora l-ħtieġa li jinħoloq grupp tal-UE ta' tagħmir kontra d-droni disponibbli għall-Istati Membri biex jappoġġahom f'avvenimenti fuq skala kbira.

Eżerċizzji bħal dawk organizzati man-Network tal-Infurzar tal-Liġi fil-livell tal-UE jikkontribwixxu għal tħejjija operazzjonali f'dominji differenti tas-sigurtà interna. Fejn rilevanti, il-Kummissjoni se taħdem man-networks rilevanti biex tinkludi elementi tal-ġlieda kontra d-droni f'eżerċizzji futuri. Dan se jgħin biex ikompli jizzied l-għarfien u l-iskambju tal-aħjar prattiki, bl-użu ta' soluzzjonijiet differenti. Rekwiżit għal rispons effettiv għat-theddid mid-droni huwa li irid ikun hemm komunikazzjoni sigura affidabbli bejn l-awtoritajiet differenti. Għaldaqstant, il-ġlieda kontra t-theddid mid-droni se tkun parti mill-ippjanar tal-eżerċizzji futuri li għandu jitwettaq bħala parti mill-proġett ta' tħejjija BroadEU.Net iffinanzjat mill-UE, li jittestja l-bażi tas-sistema ta' komunikazzjoni kritika futura tal-UE²². Barra minn hekk, jistgħu jitwettqu eżerċizzji konġunti inklużi esperti taċ-ċibersigurtà u tas-sigurtà tad-droni li jindirizzaw ir-riskji ċibernetiċi mid-droni, kif ukoll soluzzjonijiet diġitali biex jiġu newtralizzati d-droni.

Azzjonijiet ewlenin għal gwida prattika u sostenn operazzjonali

- **Il-JRC se jippubblika żewġ manwali bħala parti mill-pakkett kontra d-droni.**
- **Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-aġenziji rilevanti, se tappoġġa l-estensjoni tat-taħriġ eżistenti kontra d-droni għas-settur tas-sigurtà privata.**
- **Il-Kummissjoni se tintegra l-komponenti kontra d-droni fl-ippjanar tal-eżerċizzji, f'kooperazzjoni man-Networks tal-Infurzar tal-Liġi.**

D. Riċerka u innovazzjoni

L-UE qed tkompli tiffinanzja l-programm ta' riċerka dwar is-sigurtà bħala parti minn **Orizzont Ewropa (2021-2027)**²³. Dan il-programm ta' riċerka dwar is-sigurtà jirrappreżenta madwar 50 % tal-finanzjament pubbliku globali investit fl-UE u fl-Istati Membri tagħha fil-qasam tas-sigurtà. Bħala kontributor strateġiku għal diversi prijoritajiet tal-politika tas-sigurtà tal-UE, din ir-riċerka dwar is-sigurtà diġà bdiet tindirizza t-theddid mid-droni. Eżempji notevoli jinkludu ALADDIN, li jipprovdi soluzzjonijiet għad-detezzjoni u n-newtralizzazzjoni ta' droni f'żoni ristretti²⁴ jew 7SHIELD, li rriċerka l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet kontra d-droni għas-segmenti terrestri tal-infrastruttura spazjali kritika. Il-proġett ALFA kien ukoll ta' suċċess fl-iżvilupp ta' sistema għad-detezzjoni u t-traċċar tad-droni użati għall-kuntrabandu²⁵. Dawn l-inizjattivi ta'

²¹https://home-affairs.ec.europa.eu/policies/internal-security/counter-terrorism-and-radicalisation/protection/eu-protective-security-advisors-eu-psa_mt.

²² Is-sistema ta' komunikazzjoni kritika tal-UE se tipprovdi infrastruttura sigura u bbażata fuq il-broadband biex tiżgura l-interoperabbiltà transfruntiera tas-sistemi ta' komunikazzjoni użati mill-infurzar tal-liġi u mill-ħaddiema ta' emerġenza fiż-żona Schengen.

²³ Fil-passat, sa tmiem l-2020, ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tas-sigurtà kienu ffinanzjati taħt Orizzont 2020 u s-seba' programm qafas.

²⁴ <https://cordis.europa.eu/project/id/740859>.

²⁵ ALFA huwa wkoll il-bażi għall-proġett Courageous tal-FSI u l-attivitajiet ta' ttestjar tiegħu.

riċerka u innovazzjoni jistgħu jtkomplew taħt Orizzont Ewropa, ivvalidati, jew issupplimentati minn azzjonijiet imwettqa fil-FSI-Pulizija.

Fil-futur, il-Kummissjoni se tiffaċilita l-iskambju aktar sistematiku tal-eżiti rilevanti tal-proġetti mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż permezz tal-Komunità Ewropea għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fis-Sigurtà²⁶. Dan ikompli jsaħħaħ l-iskambju ta' *data* speċifika. Jagħmilha possibbli wkoll li jinġabru b'mod aktar effiċjenti r-reqwiziti tal-utenti u li dawn ir-reqwiziti jiġu kkomunikati lill-industrija sabiex tiġi ggwidata l-innovazzjoni. Barra minn hekk, l-iskambju sistematiku tal-eżiti tal-proġetti se jgħin biex ikun possibbli djalogo strutturat mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati biex jiġu identifikati teknoloġiji, għodod u soluzzjonijiet promettenti li jistgħu jiġu adottati minn grupp ta' awtoritajiet tal-Istati Membri. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni se tivvaluta mal-Istati Membri²⁷ l-possibbiltà li: (i) jinħoloq suġġett ta' riċerka indipendenti dwar soluzzjonijiet kontra d-droni fil-programmi ta' ħidma futuri ta' Orizzont Ewropa; u (ii) jiġu appoġġati sistemi innovattivi speċifiċi permezz ta' akkwist prekummerċjali²⁸. Dan huwa kompletament konformi mal-approċċ immexxi mill-kapaċità li huwa dettaljat fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni "It-titjib tas-sigurtà permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni"²⁹.

It-tisħiħ tas-sinerġiji fis-soluzzjonijiet kontra d-droni bejn l-industrija tas-sigurtà ċivili, tad-difiża u tal-ispazju tal-Ewropa huwa kruċjali. Jenħtieġ li l-għan ta' dan ikun li jitrawmu sinerġiji fit-teknoloġiji tad-droni u kontra d-droni fost it-tliet setturi³⁰. Fil-prattika, it-tisħiħ ta' dawn is-sinerġiji jfisser li l-proġetti tad-difiża jistgħu jibbenefikaw minn żviluppi innovattivi fil-qasam ċivili, filwaqt li l-ajrunawtika ċivili tista' tibbenefika mill-iżviluppi fid-difiża.

Il-Fond Ewropew għad-Difiża (FEŻ) u l-programmi prekursori tiegħu jinċentivaw u jappoġġaw ir-riċerka u l-iżvilupp kollaborattivi u transfruntieri fil-qasam tad-difiża. Filwaqt li jikkumplimenta u jamplifika l-isforzi tal-Istati Membri, il-FEŻ jippromwovi l-kooperazzjoni bejn il-kumpaniji u r-riċerkaturi ta' kull daqs u mill-Istati Membri kollha fl-UE. Il-programmi prekursori tal-FEŻ diġà ffinanzjaw proġetti kontra d-droni bħala parti mir-riċerka u l-iżvilupp tad-difiża.

Il-programm ta' ħidma tal-FEŻ għall-2023 fih azzjoni ta' żvilupp kontra d-droni³¹, b'baġit indikattiv ta' EUR 43 miljun. L-azzjoni għandha l-għan li tiżviluppa moduli ta' hardware jew software għal soluzzjoni mobbli komprensiva biex tiġi miġġielda firxa wiesgħa ta' droni, inklużi ġemgħat.

L-eżitu ewlieni mistenni tal-appoġġ tal-FEŻ fil-qasam kontra d-droni fl-2021-2027 huwa prototip żviluppat ta' soluzzjoni kontra d-droni li jwassal għal akkwist konġunt futur possibbli fil-livell tal-UE. L-isfidi teknoloġiċi fil-qasam tas-sistemi kontra d-droni huma indirizzati permezz tal-Iskema tal-UE għall-

²⁶ Il-Komunità għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Ewropea għas-Sigurtà (Community for European Research and Innovation for Security, CERIS) tlaqqa' flimkien il-partijiet interessati fir-riċerka dwar is-sigurtà, li jvarjaw minn dawk li jfasslu l-politika, l-utenti aħħarin, l-akkademja u l-industrija għas-sigurtà ċivili: https://home-affairs.ec.europa.eu/networks/ceris-community-european-research-and-innovation-security_mt

²⁷ Fil-konfigurazzjoni tal-kumitat tal-programm Orizzont Ewropa "Sigurtà Ċivili għas-Soċjeta'".

²⁸ L-akkwist prekummerċjali huwa approċċ għall-akkwist pubbliku ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp li ġie deskritt fil-Komunikazzjoni dwar l-akkwist prekummerċjali (C(2007) 799 final) tal-14.12.2007. Din hija għodda importanti biex tistimula l-innovazzjoni, peress li tippermetti li s-settur pubbliku jidderieġi l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda lejn il-ħtiġijiet tiegħu.

²⁹ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "It-titjib tas-sigurtà permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni", SWD (2021) 422 final tal-15.12.2021.

³⁰ SWD(2022) 362 tal-10.11.2022. Kif deskritt fir-rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar is-sinerġiji bejn l-industrija ċivili, tad-difiża u tal-ispazju taħt l-Azzjoni 9.

³¹ C(2023) 2296 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-29.3.2023 dwar il-finanzjament tal-Fond Ewropew għad-Difiża stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2023 - il-Parti II.

Innovazzjoni fil-Qasam fid-Difiża (EU Defence Innovation Scheme, EUDIS). Barra minn hekk, l-EUDIS tinkludi fergħa għall-inkubaturi b' użu doppju li tippromwovi kollaborazzjoni aħjar bejn l-oqsma ċivili u tad-difiża u li tixpruna l-maturazzjoni u l-adattament teknoloġiċi.

Pilastru ewlieni ieħor għall-innovazzjoni – u speċifikament għar-riċerka applikata dwar kif għandu jiġi miġġieled it-theddid mid-droni – huwa l-ħidma tal-JRC. Bħala parti mill-proġett Drone C-UAS tal-JRC, il-JRC se jirrieżamina t-teknoloġiji attivi u passivi ta' kontromiżuri, u kif dawn it-teknoloġiji jistgħu jintużaw biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ispazji pubbliċi u tal-infrastruttura kritika.

Għal dan l-għan, u bħala l-ewwel pass, il-JRC se joħloq **laboratorju ħaj** biex jistudja t-teknoloġiji kontra d-droni u kif dawn it-teknoloġiji jistgħu jiġu applikati f'ambjenti tad-dinja reali. L-istruttura tal-laboratorju se tkopri l-ippjanar, it-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' soluzzjoni. Se tkopri wkoll id-detezzjoni, it-traċċar, l-identifikazzjoni, in-newtralizzazzjoni u l-integrazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u l-proċessi. L-ambitu tal-implimentazzjoni għal-laboratorju ħaj se jinkludi l-integrazzjoni ma' sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku bi bdot u mingħajr bdot, b' mod partikolari l-U-space³². Il-laboratorju ħaj se jistudja wkoll kif it-tagħlim awtomatiku u l-intelliġenża artifiċjali jistgħu jiġu integrati sabiex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali ta' soluzzjoni kontra d-droni.

Fit-terminu medju, dan il-laboratorju ħaj tal-JRC se jiġi żviluppat f'**ċentru ta' eċċellenza kontra d-droni**.

Azzjonijiet ta' prijorità biex isir l-aħjar użu mir-riċerka u l-innovazzjoni

- **Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jiddeċiedu dwar il-ħtiġijiet futuri għal soluzzjonijiet ġodda kontra d-droni li għandhom jiġu indirizzati mill-programmi Ewropej rilevanti tar-riċerka u l-innovazzjoni, b' mod partikolari Orizzont Ewropa.**
- **Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jidentifikaw lista ta' soluzzjonijiet promettenti kontra d-droni u jivvalutaw il-fattibbiltà għall-akkwist prekkummerċjali ta' xi wħud minn dawn is-soluzzjonijiet.**
- **Il-Kummissjoni se tidentifika ideat, teknoloġiji u soluzzjonijiet li għandhom jiġu integrati fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet tad-difiża, u se tappoġġa proġetti li jfittxu li jxerrdu dawn l-ideat, it-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet lis-setturi ċivili.**
- **Il-JRC se jistabbilixxi Ċentru ta' Eċċellenza kontra d-droni bħala evoluzzjoni ulterjuri ta' laboratorju ħaj.**

E. Sostenn għall-iffinanzjar

Il-Kummissjoni se tkompli ttipprovdi sostenn finanzjarju għall-attivitajiet rilevanti kontra d-droni, primarjament permezz tal-FSI iżda anki permezz tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) u l-programm Orizzont Ewropa (għall-azzjonijiet relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni).

Il-Faċilità tematika tal-FSI se tappoġġa: (i) in-Networks Ewropej tal-Infurzar tal-Liġi; (ii) il-ħidma relatata tal-JRC; (iii) il-grupp ta' esperti l-ġdid kontra d-droni; u (iv) il-ħolqien ta' pjattaforma ta' skambju ta' informazzjoni. Il-Kummissjoni diġà qed tiffinanzja proġetti biex tittestja u tivvalida sistemi biex tidentifika

³² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/664 dwar qafas regolatorju għall-U-space. It-terminu "U-space" ġie adottat biex jiddeskrivi l-ġestjoni tat-traffiku tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord biex tiġi żgurata l-interazzjoni sikura ma' entitajiet oħra li jużaw l-istess spazju f'żoni urbani u fi kwalunkwe post ieħor.

u ssib droni li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE illegalment. Dawk il-proġetti huma bbażati fuq riżultati minn proġetti ta' riċerka preċedenti ffinanzjati mill-UE³³.

Taħt il-faċilità tematika tal-FSI, fl-ewwel nofs tal-2024 il-Kummissjoni se tiftaħ **sejħa għal proposti** bl-għan speċifiku li tappoġġa l-użu ta' soluzzjonijiet kontra d-droni b'potenzjal għoli għall-adozzjoni.

L-Istati Membri se jiġu mħeġġa jimplimentaw din il-Komunikazzjoni u jadottaw ir-riżultati tar-riċerka ffinanzjata mill-UE fis-soluzzjonijiet kontra d-droni permezz tal-programmi tagħhom tal-FSI.

Azzjonijiet ewlenin għall-finanzjament tas-sostenn

- **Il-Kummissjoni se tnedi sejħa għal proposti dwar soluzzjonijiet kontra d-droni taħt il-programmi ta' ħidma tal-faċilità tematika tal-FSI għall-2026-2027.**
- **L-Istati Membri se jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-programmi tal-FSI tagħhom għall-2021-2027, sabiex jidentifikaw u jimplimentaw soluzzjonijiet effiċjenti kontra d-droni.**

F. Esplorazzjoni ta' miżuri regolatorji

Għalkemm l-UE rregolat l-użu leġittimu tad-droni, fil-livell tal-UE bħalissa ma hemm l-ebda regolament speċifiku kontra d-droni li jistabbilixxi qafas armonizzat komuni għall-awtoritajiet, l-operaturi u l-manifatturi tal-Istati Membri. Għalkemm il-linji gwida mhux vinkolanti tal-EASA li jindirizzaw l-inċidenti tad-droni fl-ajruporti (imsemmija qabel f'din il-Komunikazzjoni) intlaqgħu b'mod favorevoli mis-settur, in-natura konsultattiva u l-kamp ta' applikazzjoni limitat tagħhom jagħmilhom insuffiċjenti biex itaffu t-theddida mid-droni li ma jikkooperawx. Billi l-ħtieġa li jiġi evitat b'mod effettiv l-użu mhux awtorizzat tad-droni qed tikber b'mod kostanti, il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' esperti mill-Istati Membri, se tkompli tanalizza l-ħtieġa għal miżuri leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi fil-futur. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni se tibda **studju ta' mmappjar** iddedikat biex tistabbilixxi x-xenarju regolatorju attwali. Jenħtieġ li dan l-istudju ta' mmappjar iqis ukoll il-qafas u l-iżviluppi tal-ICAO, kif ukoll jenħtieġ li jqis li r-regoli kontra t-theddid potenzjali mid-droni ma jimpedux bla bżonn l-operazzjonijiet leġittimi, inklużi l-attivitajiet tal-bdoti għal titjir rikreattiv organizzat.

L-ajruporti fl-UE jibbenefikaw minn regoli tas-sigurtà dettaljati u komprensivi li jkopru wkoll it-theddida mid-droni. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-avjazzjoni u l-ajruporti jkunu aktar reżiljenti meta jiffaċċjaw ir-riskji mid-droni, u f'konformità ma' approċċ ibbażat fuq l-evidenza, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, se **tidentifika vulnerabbiltajiet addizzjonali potenzjali fil-protezzjoni kontra d-droni li ma jikkooperawx f'valutazzjoni tar-riskju għas-sigurtà li tista' tirrikjedi bidliet regolatorji.**

F'dan il-kuntest huwa meħtieġ djalogu strutturat mal-industrija u mal-manifatturi tad-droni dwar miżuri ta' sigurtà mit-tfassil (eż. sistemi robusti kontra l-ispoofing, il-limitazzjonijiet tal-kapaċità, il-kondiviżjoni ta' protokoll ta' komunikazzjoni, u aġġornamenti għall-bażijiet tad-*data* kontra d-droni).

³³ Eżempji jinkludu proġetti ffinanzjati taħt l-azzjonijiet speċifiċi tal-BMVI dwar: (i) l-innovazzjoni għall-fruntieri tal-baħar/tax-xatt, u/jew tal-art; u (ii) il-Frontex. Xi proġetti ffinanzjati taħt l-azzjoni speċifika dwar l-innovazzjoni għall-fruntieri tal-baħar/tax-xatt, u/jew tal-art jiffukaw fuq il-pilotaġġ ta' teknoloġiji ta' sorveljanza innovattivi. Hemm ukoll azzjoni speċifika għax-xiri u d-disponibbiltà ta' tagħmir biex jintuża mill-awtoritajiet tal-fruntieri Ewropej biex jidentifikaw u jsibu droni li jaqsmu l-fruntieri b'rabta ma' attivitajiet illegali jew kriminali. Din l-azzjoni speċifika se tippermetti li l-Istati Membri jakkwistaw żewġ sistemi kontra d-droni. Bħala valur miżjud tal-UE, fuq talba magħmula mill-Frontex bħala parti min-negozjati bilaterali annwali, it-tagħmir tekniku mixtri taħt l-azzjonijiet speċifiċi jrid jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Frontex għal perjodu sa erba' xhur fis-sena, għall-użu fl-operazzjonijiet konġunti tagħha.

Azzjonijiet ewlenin għall-esplorazzjoni ta' miżuri regolatorji

- **Il-Kummissjoni se tibda studju ta' mmappjar biex tidentifika l-ħtiġijiet regolatorji u l-potenzjal għall-armonizzazzjoni tal-liġijiet u l-proċeduri tal-Istati Membri.**
- **F'konformità ma' approċċ ibbażat fuq l-evidenza, il-Kummissjoni se twettaq valutazzjoni tar-riskju għas-sigurtà tal-avjazzjoni fuq id-droni biex tidentifika vulnerabbiltajiet addizzjonali potenzjali tal-ajruporti, li jistgħu jirrikjedu bidliet regolatorji.**
- **Il-Kummissjoni se tidħol fi djalogu strutturat mal-industrija dwar il-ħtieġa għal miżuri speċifiċi addizzjonali potenzjali, u n-natura tagħhom, relatati mas-sigurtà tad-droni.**

III. TRIQ 'IL QUDDIEM

Sabiex jiġi żgurat li l-iżviluppi teknoloġiċi rapidi u l-għadd ta' droni li qed jiżdied ma jwasslux għal żieda bla kontroll fit-theddid minn droni li ma jikkooperawx, huwa meħtieġ li titjeb il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE, abbażi tal-politika komprensiva tal-UE kontra d-droni ppreżentata f'din il-Komunikazzjoni. Għal dan l-għan, l-attivitajiet attwali fil-livell tal-UE se jitkomplew u jiġu ssupplimentati bis-sett ta' azzjonijiet ewlenin elenkati f'din il-Komunikazzjoni li se jiġu implimentati fis-snin li ġejjin.

L-attivitajiet deskritti f'din il-Komunikazzjoni se jkopru l-perjodu sal-2030. Sal-2027, se jsir rendikont ta' nofs it-terminu permezz tal-grupp ta' esperti, filwaqt li reviżjoni sħiħa tal-programm tal-UE kontra d-droni hija ppjanata sa mhux aktar tard mill-2030.